# PROGRAMM TA' TIFKIRA

Pamphlet Box



# FESTI ĊENTINARJI TAL-PARROĊĊA SAN LAWRENZ BELT VITTORIOSA

1 TA' JANNAR — 31 TA' DIĊEMBRU 1990

MEL
BQT
3352
.V575
L354
1990





# MESSAĠĠ TA' L-ARĊISQOF LILL-PARROĊĊA TAL-BELT VITTORIOSA

Hu dejjem pjaċir għalija nissieħeb, almenu fl-ispirtu, fil-Festi Kbar li isiru fil-parroċċi tagħna, festi marbutin mal-ħajja soċjali u kulturali tal-poplu tagħna, festi li, waqt li jagħtu ġieh lill-qaddis protettur tal-parroċċa, jiċċelebraw ukoll il-ġrajja kollha tal-komunità parrokkjali tul iż–żminijiet. Dan għaliex il-ġrajja kollha tal-poplu tagħna hi minsuġa b'mod tassew ta' l-għaġeb mal-ġrajja tal-Knisja f'pajjiżna. Għandu għalhekk isir minn kollox biex il-Festi tal-Parroċċi tagħna mhux biss ma jtellfux iżda isaħħu l-karattru reliġjuż tagħhom u ma jsirux ċelebrazzjonijet folkloristiċi fl-okkażjoni tat-titular tal-parroċċa, bla ebda karattru reliġjuż fihom.

Għal dan il-għan jeħtieġ inwettqu bil-fatti dak li qalilna l-Papa tul it-tlett ijiem li dam fostna f'Mejju li għadda: LE għal kull xorta ta' inġustizzji; LE għal kull xorta ta' egoiżmu ta. min ifittex dak li jaqbel lilu mingħajr ma jimpurtah xejn minn ħaddieħor; LE għall-materjaliżmu li jmewwet il-kuxjenzi u jġib fix-xejn id-dimensjoni spiritwali tal-ħajja; imma IVA għas-solidarjetà bejn il-membri kollha ta' l-istess komunità parrokkjali; IVA għal kull ma jista' jgħin biex tiġi 'l quddiem il-ħajja spiritwali u materjali mhux biss tal-membri kollha tal-parroċċa imma wkoll ta' kull min qiegħed igħix f'din l-art ħelwa li tatna isimha, u b'mod speċjali l-fqar u l-imsejknin u l-batuti; IVA għal dak kollu li jrid minna l-Mulej biex ikun hemm dejjem is-sliem bejnietna u mad-dinja kollha madwarna bil-ġmiel u s-sbuħija kollha tagħha.

B'xewqa tassew minn qalbi nawguralkom li l-festi tagħkom ta' din is-sena ikunu okkażjoni ta' barka u ta' ġid għall-komunità parrokkjali kollha tal-Belt Vittoriosa u b'rahan ta' dan nagħtikom il-barka pastorali tiegħi.

**Ġużeppi Mercieca**
**Arċisqof ta' Malta**

# KUMITAT EŻEKUTTIV FESTI ĊENTINARJI

| | |
|---|---|
| **PRESIDENT:** | Wisq. Rev. Kan. Arċipriet Paul Raggio |
| **SEGRETARJU:** | Is-Sur L.V. Farrugia |
| **KAXXIER:** | Kan. Paul Camilleri |
| **P.R.O.:** | Is-Sur Anton Gellel |
| **Membri :** | Il-Kan. Lawrenz Bonnici<br>Is-Sur Salvu Attard<br>Is-Sur Simon Farrugia<br>Is-Sur Charles Gellel<br>Is-Sur Joe Micallef<br>Is-Sur Anthony Raggio<br>Is-Sur John Raggio<br>Is-Sur Carmelo Scicluna |





# MESSAĠĠ MILL-PRESIDENT

Biex jibqgħu mfakkra l-ġrajjiet sbieħ tad-Disa' Ċentinarju tal-Parroċċa, il-Kumitat Organizzattiv, jixtieq itemm l-attivitajiet tiegħu bil-pubblikazzjoni ta' ktejjeb żgħir li fih jiġbor filqosor dak li sar matul is-Sena 1990.

B'dan "Il-ktejjeb tifkira", irridu nibqgħu ngħożżu dawk iċ-ċelebrazzjonijet sbieħ li għamilna. Huma tifkiriet li għandhom jibqgħu minquxa f'qalbna u li għandhom ikomplu jsaħħu fina l-imħabba lejn il-Belt Rebbieħa u lejn il-Parroċċa glorjuża ta' San Lawrenz.

Nixtiequ li l-Vittoriosani jibqgħu japprezzaw l-organizzazzjoni u s-serjetà li bihom ġew iċ–ċelebrati l-festi kollha li laħqu l-quċċata tagħhom fil-Festa ta' San Lawrenz nhar l-10 ta' Awissu, u li għaliha attendew l-għola awtoritajiet Ċivili u Reliġjużi ta' Malta. Irridu nġeddu l-memorji sbieħ taż-żjara pastorali tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II fostna u l-parteċipazzjoni ta' Isqfijiet, Kolleġġjati, Ordnijiet Reliġjużi,Komunitajiet, skejjel u għaqdiet oħra. Jibqgħu jfakkruna f'dawk l-okkażjonijiet soċio-kulturali u reliġjużi li ttelgħu matul is-sena u li ġibdu tant nies lejn il-parroċċa tagħna. Dan kollu għad ikun ta' interess għall-ġenerazzjonijiet li għad jiġu warajna.

Dan il-ktejjeb jista' jkun ukoll rigal sabiħ li nistgħu noffruh lill-ħutna l-emigranti Vittoriosani, li tant għadhom marbutin magħna u għad għandhom għal qalbhom dak kollu li jsir f'art twelidna.

Inrodd ħajr minn qalbi lill-Kumitat Organizzattiv li issa temm il-ħidma tiegħu u lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor kienu ta' għajnuna matul iċ–Ċentinarju.

**Is-Sena 1990** tibqa' mfakkra f'qalbna u fil-ġrajjiet glorjużi tal-Belt Vittoriosa.

**Kan. Paul Raggio**
**Arċipriet**



# MESSAĠĠ MIS-SEGRETARJU KUMITAT ĊENTINARJU

Ħuti Vittoriosani,

Ġejna fi tmiem il-Festi Ċentinarji li jfakkru d-Disa' mitt sena mit-twaqqif tal-Parroċċa ta' San Lawrenz tal-Belt Vittoriosa. Wara żmien twil ta' preparazzjoni u ħidma mill-Kumitat Esekuttiv immexxi mill-Arċipriet b'rappreżentanza mill-Kapitolu tal-Kolleġjata ta' San Lawrenz, mill-Kunsill Parrokkjali, mill-Kumitat tal-Banda Vittoriosana San Lawrenz u l-Kumitat tal-Festi Esterni flimkien ma' sotto Kumitati oħra, irnexxielna nfasslu u nwettqu programm li kien ta' sodisfazzjon ghal kulħadd. Ma kinetx xi ħaġa faċli tagħmel programm estensiv bħal ma għamilna l-aktar fit-tlett ġimgħat tal-Festa. Imma bid-determinazzjoni tal-Kumitat u s-support tal-poplu Vittoriosan irnexxielna ngħelbu kull ostakolu.

Minbarra l-manifestazzjonijiet u ċ-ċelebrazzjonijiet kbar li saru żgur li tibqa imfakkra l-għaqda li kellna fil-Parroċċa bejn il-Każini, Għaqdiet u Poplu. Dan jixduh is-sehem u l-parteċipazzjoni minn kulħadd għal attivitajiet li għamilna. Kienet ena ferm sabiħa meta l-Kumitati taż-Żewġ Każini tal-Baned stiednu lil xulxin flimkien mal-Baned għal riċeviment f'darhom. J'Alla din l-għaqda u ħbiberija bejn il-Poplu Vittoriosan tkompli tissaħħaħ fil-ġejjieni.

Għadha tidwi l-espressjoni "kemm qed tagħmluha bi kbira" jew "bħalkom ma għamel ħadd". Bir-raġun nagħmluha bi kbira għaliex il-Parroċċa ta' San Lawrenz hija l-eqdem u l-ewwel Parroċċa ta' Malta wara dik tal-Katidral. Huwa veru avveniment kbir is-sehem tal-Parroċċa tagħna fil-ħajja ta' ġziritna tul Disa Mitt sena. Fuq kollox ta' kull sena l-Vittoriosani jagħmlu festi kbar, allura x'tistenna li għandu jsir f'okkażjoni speċjali bħal din?

Huwa xieraq li permezz ta' dan is-souvenir programm nirringrazzja lill-maħbub Arċipriet tagħna l-Kan. Paul Raggio tal-paċenzja li ħa bina u għax-xogħol li wettaq flimkien mal-Kumitat Esekuttiv, lill-Membri kollha tal-Kumitat u sotto Kumitàti, lill-Awtoritajiet Ċivili u Ekklesjastiċi li onorawna bil-preżenza tagħhom, lill-Onor. Ministru ta' l-Edukazzjoni u Intern tas-support li tana, lill-Każin tal-Banda Vittoriosana San Lawrenz u l-Kumitat tal-Festi Esterni għas-sehem attiv tagħhom, lill-Benefatturi kemm dawk li għinu finanzjarjament kif ukoll dawk kollha li wettqu xogħol ieħor, lill-eluf ta' Maltin u Għawdxin li ġew jaqsmu l-ferħ magħna u lill-Poplu Vittoriosan għall-parteċipazzjoni u l-ġenerosità tiegħu li b'hekk irnexxielna nagħmlu Festi Ċentinarji denji lill-Belt Glorjuża Vittoriosa.

**Lawrence V. Farrugia**
**Segretarju**

# Il-Festi Ċentinarji
## Mill-1 ta' Jannar sa 31 ta' Diċembru 1990

## Sekwenza ta' Ritratti



*Press Conference fejn ingħata dettal sħiħ tal-Festi Ċentinarji.*



*L-Arċipriet jippreżenta Kopja tal-Poster u l-Kalendarju lil Chev. Paul Camilleri Cauchi,, pittur ta' l-imsemmi poster.*

# Skrizzjonijiet fuq diversi bini.




*'1090 -1990' Il-Belt Vittoriosa 900 sena Parroċċa - Skrizzjoni tixgħel mad-daħla tal-Belt Rebbieħa.*



*Skrizzjoni oħra fil-Pjazza tar-Rebħa - 'L-Ewwel Parroċċa f'Malta'.*



*Il-Knisja bil-kliem u annijiet armati.*



*Il-Preparazzjoni għal waħda mill-iskrizzjonijiet.*



*It-twaħħil ta'l-isem tat-Triq.*

# IL-KUMITAT FESTI ĊENTINARJI GĦAND L-OGĦLA AWTORITAJIET TAL-PAJJIŻ



*Delegazzjoni tal-Kumitat għand il-President tar-Repubblika.*



*L-Arċipriet u s-Segretarju flimkien mal-Mons. Arċisqof.*



*Delegazzjoni tal-Kumitat għand il-Prim Ministru.*



*Il-Kumitat taċ-Ċentinarju għand il-Kap ta' l-Oppożizzjoni.*



*Il-Kumitat taċ-Ċentinarju għand il-Ministru ta' l-Edukazzjoni.*



*Il-Kav. L. Darmanin jippreżenta Cheque lil Wisq Rev. Arċipriet għar-restawr tal-Pittura tal-Kor.*




*L-irħama li turi l-ismijiet tal-benefatturi tal-Monument.*

# Ftuħ tal-Festi Ċentinarji - 1 ta' Jannar 1990



*Konċelebrazzjoni mmexxija mill-Vigarju Emeritus Mons. C. Xuereb.*



*It-Tberik ta' Triq iċ-Ċentinarju tal-Parroċċa 1090 -1990.*



*Il-Marċ ta' l-Ewwel tas-sena fi Pjazza Rebħa.*



*Il-ftuħ uffiċjali ta' l-istess Triq.*



*Ix-xema taċ-Ċentinarju.*

*L-Arċipriet jaqsam il-"Cake" fir-Riċeviment li sar nhar l-1 ta' Jannar.*



# Tifkira tal-Vittmi tal-Gwerra – 16 ta' Jannar 1990




*Il-Monument li jfakkar il-vittmi tal-gwerra.*
*Xogħol il-Kav. Alfred Camilleri Cauchi.*



*Mons. Pawlu Galea, Arċipriet fi żmien il-gwerra jmexxi l-funzjoni.*



*Il-folla preżenti għas-serata kommemorattiva.*

# Missjoni l-Kbira fil-Parroċċa – Mis-6 sa 27 ta' Jannar



*Il-ftuħ tal-Missjoni l-Kbira.*



*L-Għeluq tal-Missjoni l-Kbira - konċelebrazzjoni mmexxija minn Mgr. Jorge Maria Mejia, Isqof fl-Arġentina.*

## Festa tal-Kandlora 2 ta' Frar 1990



*Preżentazzjoni ta' Rigali lil Arċipriet.*



# Kxif tal-Pittura tal-Kor 9 ta' Frar 1990



*Is-Sur R. Bonnici Calì jagħmel id-diskors tal-okkażjoni.*



*Il-Kxif tal-Pittura.*



# Pellegrinaġġ għall-Grotta ta' San Pawl
# 18 ta' Frar 1990





*L-Arċipriet iqaddes Quddiesa ma' ħutu Vittoriosani fil-Grotta.*

# Ballu tal-Karnival





# Ras ir-Randan - 28 ta' Frar 1990
# Pelleġrinaġġ bl-istatwa tar-Redentur.





# Kunċert fuq l-Orgni - 1 ta' Marzu 1990



*Is-Sur Joe Caruana jesegwixxi waħda mix-xogħlijiet.*



*Il-folla preżenti għal dan il-Kunċert.*

## Adorazzjoni Nazzjonali bil-Lejl - 10 ta' Marzu 1990



## Ħarġa Kulturali madwar il-Belt Vittoriosa
17 ta' Marzu 1990



# Il-Festa ta' l-Annunzjata - 26 ta' Marzu 1990




*Purċissjoni bil-Kwadru tal-Annunzjata.*



*Konċelebrazzjoni mmexxija mill-Pirjol tal-Kommunità Dumnikana.*

## Għeluq tal-Kwaranturi Solenni - 11 ta' April 1990



## Vjatku Solenni tal-Morda - 22 ta' April 1990



# Kungress Nazzjonali Karmelitan-29 ta'April 1990



*Il-Kwadru miġjub mill-Knisja tal-Karmnu għall-Parroċċa.*



*Il-Kwadru jidher jiddaħħal ġol-Knisja.*

# Festa ta' San Ġużepp - 5 ta' Mejju 1990



*L-Istatwa ta' San Ġużepp tiela' ġol-Pjazza.*



*Il-Banda Prince of Wales nieżla minn Triq il-Mina l-Kbira.*



*Reception fil-Każin tal-Banda San Lawrenz.*



*Reception fil-Każin tal-Banda Prince of Wales.*

# Laqgħa Nazzjonali għall-Morda -20 ta' Mejju1990



*Mons. Lawrence Gatt waqt il-quddiesa.*



*Il-folla kbira ta' Morda li nġiebet għal din il-quddiesa.*

# L-Ewwel Erbgħa ta' San Lawrenz

## 23 ta' Mejju 1990



L-Erbgħat kienu mmexija minn dawn il-Provinċji:-

| | |
|---|---|
| 23 ta' Mejju | Provinċja ta' San Pawl |
| 30 ta' Mejju | Provinċja Salesjan |
| 6 ta' Ġunju | Provinċja Karmelitani Skalzi |
| 13 ta' Ġunju | Provinċja De la Salle Brothers |
| 20 ta' Ġunju | Provinċja Kappuċċina |
| 27 ta' Ġunju | Provinċja Franġiskani Minuri |
| 4 ta' Lulju | Provinċja Dumnikana |
| 11 ta' Lulju | Provinċja Agostinjana |
| 18 ta' Lulju | Provinċja Karmelitana |
| 25 ta' Lulju | Provinċja Franġiskani Konventwali |



*L-Istatwa Titulari ta' San Lawrenz*



*Il-Gallerija ta' l-orgni - Waħda mill-ħafna opri artistiċi li hemm fil-Knisja ta' San Lawrenz.*



*Il-Pittura tal-Kor li turi l-Glorja ta' San Lawrenz li ġiet restawrata mis-Sur A. Briffa u mikxufa fid-9 ta' Frar 1990.*

# Il-Miġja tal-Papa - 26 ta' Mejju 1990



*L-Arċipriet jidher jippreżenta 'Frame' tal-fidda b'ritratt ta'San Lawrenz lil-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II quddiem il-knisja ta' San Lawrenz.*



*Il-Papa jidher fil-Pjazza tal-Birgu maħnuqa bin-nies.*



*Il-Papa tiela' ġol-Pjazza tar-Rebħa fost l-entużjażmu tal-Poplu Vittoriosan.*



*Il-Qdusija Tiegħu l-Papa ġol-Pjazza tal-Birgu.*




*Irħama Kommemorattiva taż-Żjara tal-Papa fil-Belt Vittoriosa.*

# Jum l-Arċipriet - 3 ta' Ġunju 1990



*Il-Folla sabiħa li attendiet għall-Konċelebrazzjoni.*



*L-Arċipriet jaqsam it-Torta f'din l-okkażjoni f'ġieħu.*



L-Arċipriet flimkien mal-Kumitat taċ-Ċentinarju.



L-Arċipriet flimkien mal-familjari tiegħu.

# Ċelebrazzjoni ta' Sant'Emilja - 15 ta' Ġunju 1990



*It-Tfal tas-St. Joseph jisimgħu l-Quddiesa.*



*L-irħama biex tibqa' mfakkra din l-okkażjoni.*

# Corpus Christi - 17 ta' Ġunju 1990



# Qalb ta' Ġesù - 22 ta' Ġunju 1990





*L-Artal Maġġur armat fl-okkażjoni
tal-Festa ta' l-Qalb ta' Ġesù.*

# Lejla Maltija - 14 ta' Lulju 1990




*Wieħed mill-gruppi li ħa sehem fil-Lejla Maltija.*



*In-nies jieħdu pjaċir b'din il-Lejla divertenti.*

# Oratorju Disa' Mitt Sena Parroċċa
## 23 ta' Lulju 1990



*L-orkestra tat-Teatru taħt it-tmexxija ta' Mro. J. Vella.*



*Il-President tar-Repubblika fost il-folla preżenti.*

# L-Aħħar Erbgħa ta' San Lawrenz
## 25 ta' Lulju 1990



## Għoti ta' Demm mill-Vittoriosani -26 ta' Lulju 1990



# Ċelebrazzjoni mill-Kommunità ta' San Lawrenz ta' Għawdex.



*Il-Kappillan ta' San Lawrenz ta' Għawdex imexxi l-Konċelebrazzjoni.*



*Il-Kappillan ta' San Lawrenz ta'Għawdex jiġi pprezentat b' inkwatru ta' tifkira.*

# Akkademja Mużikali Banda San Lawrenz
## 30 ta' Lulju 1990



*Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz waqt l-eżekuzzjoni tal-Programm.*



*Il-Knisja mimlija bin-nies tisma' lill-Banda.*



*Preżentazzjoni ta' Standard taċ-Ċentinarju lill-Banda San Lawrenz.*



*Waqt ir-Riċeviment li sar wara l-Akkademja fil-Każin tal-Banda San Lawrenz.*

# Mota tan-Novena 31 ta' Lulju 1990



*L-Arċipriet tas-Siġġiewi mmexxi Konċelebrazzjoni għal dawk li jġibu l-isem ta' San Lawrenz.*



*Id-dimostrazzjoni fuq il-baħar quddiem Sant'Anġlu.*



*L-istatwa ta'San Lawrenz akkumpanjata mill-Banda u diversi opri tal-baħar, tidher dieħla ġo Xatt ir-Risq.*



*Ix-Xatt maħnuq bin-nies.*

# Il-Ġranet tal-Festa - 1 ta' Awissu - 10 ta' Awissu 1990



*Waħda mill-Baned mistiedna tidher iddoqq ġol-Housing Estate tal-Ħawli.*









*Il-Kxif tal-Monument mill-Vigarju Ġenerali Mons. Annetto Depasquale.*




*Il-crew tal-Programm Lejlet il-Festa li xxandar fuq Radju Malta.*



*Il-Marċ ta' Filgħodu fl-aqwa tal-briju tiegħu.*



*Translazzjoni solenni mill-Knisja ta' Santa Skolastika għal Parroċċa.*



*L-Arċisqof t'Għawdex Mons. N. Cauchi imexxi din it-Translazzjoni.*



*Mons. Arċisqof N. Cauchi flimkien mal-Kapitlu.*



*Mons. Arċisqof waqt il-Quddiesa Pontifikali ta' San Lawrenz - 10 ta' Awissu 1990.*



*Id-dħul ta' San Lawrenz ġol-Knisja fost l-entużjażmu tal-Poplu Vittoriosan.*

## Baned mistiedna fil-Ġranet tal-Festa

| | |
|---|---|
| 1 ta' Awissu | Banda San Ġużepp tal-Kalkara |
| 2 ta' Awissu | Banda Sagra Familja tal-Kalkara |
| 3 ta' Awissu | Banda Konti Ruġġieru - Rabat |
| 4 ta' Awissu | Banda San Ġorġ - Bormla |
| 5 ta' Awissu | Banda Queen's Own - Senglea |
| 6 ta' Awissu | Banda La Vallette - Valletta |
| 7 ta' Awissu | Banda Queen Victoria - Zurrieq |
| 9 ta' Awissu | Banda De Paule - Raħal Ġdid |
| | Banda M. M. Gratiae - Zabbar |
| | Banda Sant'Andrija - Luqa |
| 10 ta'Awissu | Banda King's Own - Valletta |
| | Banda San Mikiel - Zabbar |
| | Banda Anici - Qormi |
| | Banda San Filep - Zebbuġ |

## Kommunitajiet u Kapitli li mexxew in-Novena

| | |
|---|---|
| 1 ta' Awissu | Kommunità Dumnikana - Birgu |
| 2 ta' Awissu | Kappillan Kalkara - Kalkara |
| 3 ta' Awissu | Kapitlu Kolleġġjata San Pawl - Rabat |
| 4 ta' Awissu | Kapitlu Kolleġġjata - Bormla |
| 5 ta' Awissu | Kapitlu Bażilka - Senglea |
| 6 ta' Awissu | Kapitlu Kolleġġjata San Pawl - Valletta |
| 7 ta' Awissu | Kapitlu Kolleġġjata u Bażilka Sta. Elena - B'Kara |

# Kommemorazzjoni ta' l-Assedju l-Kbir

6 ta' Settembru 1990



# Servizz Ekumeniku - 20 ta' Diċembru 1990



# 'Exhibition' u Wirja tal-Knejjes





# Ftuħ tal-Mużew ta' l-Istorja





# Għeluq tal-Festi Ċentinarji - 30 ta' Diċembru 1990



*Mons. Arċisqof flimkien mal-Kapitlu.*



*Marċ ta' l-Għeluq mill-Banda San Lawrenz.*



*Riċeviment fil-Każin tal-Banda Prince of Wales.*



*Riċeviment fil-Każin tal-Banda San Lawrenz.*



IN-NAZZJON TAGĦNA - OPINJONI - L-Erbgħa, 31 ta' Jannar, 1990

# Iċ-Ċentinarju tal-Parroċċa tal-Belt Vittoriosa

Il-Belt Vittoriosa qed ikollha mitt kar id-disa' Ċentinarju mit-twaqqif tal-knisja ta' San Lawrenz li hu magħruf li kienet inwaqqfa fl-1090 flimkien mal-Katidral ta' l-Imdina. Naturalment fl-1090 dawn kienu saru l-knejjes li jservu lill-insara u li waqt kienu magħrufa bħala pa-ċi. Huwa fatt li kif ir-l'Malta reġgħet l-mal-wasla tal-...

## L-ewwel Knisja Konventwali tal-Kavallieri u l-Knisja ... tal-Gvern

## Arja ta' festa fil-Birgu

VALLETTA, it-Tnejn. - Fl-ewwel ... festa meta dal-għodu ngħata bidu għal ... Disa' Ċentinarju mit-twaqqif tal-Parr...

## German touch in Vittoriosa's 900th anniversary

## Monument to Vittoriosa wartime victims unveiled

IL ĠENS - 5 ta' Jannar, 1990

## Il-Parroċċa ta' San Lawrenz tfakkar id-disa' mitt sena

L-ewwel parroċċa f'Malta, il-parroċċa tal-Birgu, din is-sena 1990 - se tiċċelebra d-Disa' Ċentinarju mit-twaqqif tagħha. Hija ... mal-miġja tal-Konti Ruġġieru twaqqfu l-Katidral ... jaqdu l-ħtiġiet spiritwali ... orja ta' ġensna. Fiha, Art ... qawwi ta' fidi.

## Se jitfakkar id-disa' ċentinarju tal-parroċċa ta' San Lawrenz

VALLETTA, il-Ħadd.

•MINN għada t-Tnejn, l-ewwel ta' Jannar, se jingħata bidu għal programm ... jiet diversi, mifruxa fuq sena sħiħa, biex jitfakkar id-Disa' ... Parroċċa ta' San Lawrenz, ġewwa l-Birgu, l-ewwel parr...

Dettalji tal-Festi Ċentinar... ji tħabbru waqt konferenza stampa li saret ... Kapitular...

IN-NAZZJON TAGĦNA - It-Tnejn, 5 ta' Marzu, 1990

## Pittura ta' Calì fil-Birgu restawrata

l-orizzont - It-Tlieta, 20 ta' Frar, 1990

•NHAR il-Ġimgħa, ... San Lawrenz, il-Birgu ... il-pittura tal-Kor tal-Knisja Parrokkjali ta' ... oriġinarjament tal-pitt... Malti Ġużeppi Calì li t... Lawrenz fil-glorja tas... dawra ta' l-ispazju m... il-pittura u l-arkeiter...

## Wirja dwar knejjes dedikati lil San Lawrenz

•VALLETTA, il-Ħadd. Fl okkażjoni tad-disa' ċentinarju mit-twaqqif tal-ewwel Parroċċa, dik ta' San Lawrenz tal-Birgu, il-Għaqda Kulturali u Storika tal-Birgu, bl-għajnuna tal-German Maltese Circle tellgħet wirja dwar knejjes iddedikati lil dan il-Qaddis, li jinsabu fil-Ġermanja.

Il-wirja hija xogħol ta' Lorenzo Zahra.

## Kunċert fuq l-Orgni

• Illum il-Ħamis, 1 ta' Marzu, l-Organista Joseph Caruana se jagħti kunċert bl-orgni fil-Knisja Kolleġġjata ta' San Lawrenz, il-Birgu. Huwa sejjer idoqq opri minn: J.S. Bach, W.A. Mozart, P. Wachs, Eugene Gigout u L. Boëllmann. Joseph Caruana twieled iż-Żejtun fl-1951. Huwa studja l-armonija taħt Mro. Charles Zammit u Mro. Carmelo Scerri ...

THE TIMES, THURSDAY, DEC...

## St. Lawrence parish to celebrate 900 years' foundation

The parish of St. Lawrence, Vittoriosa is next year celebrating the ninth centenary of its foundation with a programme of activities throughout the year.

St. Lawrence's is claimed to be the first parish of Malta. According to tradition, the parish of Vittoriosa were established with the Cathedral of Mdina and the coming of Roger the Norman to Malta in 1090.

The celebrations start off on New Year's Day with a pontifical Mass led by Archbishop ... Apostolic Nunzio ... Mass will be followed by ... marches by the St. Lawrence ... and the inauguration of a st... named in commemoration ...

Il-pittura li kienet restawrata u li tinsab fil-knisja parrokkjali tal-Birgu

## Teknika moderna fir-restawr ta' pittura ta' Calì

... il-għadda sar il-kxif u t-tberik tal-pittura tal-Kor tal-Knisja Parrokkjali ta' San Law... mill-Vigarju Ġenerali Emeritus Monsinjur Carmelo Xuereb ... tal-Kor ... l-pittur famuż ... nici Calì, iżda, b'xorti ... fit-tori lil San ...

## Festi ċentenarji li kienu success

Sur Editur,

Il-festi ċentenarji tal-Parroċċa tal-Belt Vittoriosa għaddew b'wiċċ il-ġid u għalhekk xieraq tassew li wieħed jesprimi tifħir lill-kumitat organizzattiv ta' dawk l-avvenimenti li kienu organizzati tul is-sena 1990.

... tisser li jingala' l-kulur minn mal-ħajt biex jinqala' minn mal-ġebla, peress li din kienet ...

Ir-restawratur qgħad attent ħafna li jġib il-pittura fl-istat oriġinali tagħha, kif kien għamilha l-pittur Ġużeppi Calì fl-1898.

'Coverage' mill-istampa lokali.

## TALBA
## PARROĊĊA SAN LAWRENZ
## VITTORIOSA

O Mulej Alla nitolbuk ħares lejna u ismagħna u bit-talb tal-Glorjuż Martri San Lawrenz, il-qaddis Protettur tagħna, ieqaf magħna kif ħaristna matul dawn is-sekli kollha fil-fidi Tiegħek.

Tkun igglorifikat u jitqaddes Ismek biċ-ċelebrazzjonijiet li sejrin nagħmlu biex infakkru l-Preżenza Tiegħek fostna f'dawn id-Disa' Mitt Sena li għaddew u nitolbuk li għal li ġej inkomplu nagħtuk qima u ġieħ fit-Tliet Persuni tas-Santissma Trinità.

Agħmel Mulej li l-Parroċċa jkollha qawmien u tiġdid spiritwali, tissaħħaħ l-għaqda ta' bejnietna u ssaltan l-imħabba.

Seddaq il-familji tagħna, imliehom bl-għerf tiegħek ħalli jgħixu l-fedeltà u jaqdu dmirhom bil-ġenerożità

Għin u bierek lil dawk li għażilthom biex jamministraw is-Sagramenti u jxandru l-Bxara t-tajba ta' l-Evanġelju.

Ħares lit-tfal u liż-żgħażagħ tagħna minn kull tfixkil li hawn madwarna.

Wettaq lill-ħaddiema tagħna bis-saħħa u bil-grazzja tiegħek u ipprovdilhom il-ħobża ta' kuljum.

Farraġ u dawwal lill-morda tagħna u agħmel li t-tbatija tagħhom tkun ta' tpattija għan-nuqqasijiet tagħna.

Sieħeb miegħek fil-glorja ma' San Lawrenz u l-Qaddisin kollha lil ħutna mejtin.

Grazzi Mulej u ibqa' dejjem magħna issa u għal li ġej bi Kristu Sidna.

Amen

## BELT TAGĦNA, NIFIRĦULEK!
## F'EGĦLUQ ID-900 SENA
## MIT-TWAQQIF
## TAL-PARROĊĊA
## TA' SAN LAWRENZ
## VITTORIOSA

Minn meta Kristu rebaħ
u qam minn bejn l-imwiet,
xterdet l-Aħbar it-Tajba,
laħqet truf l-artijiet.

U Malta fost ta' l-ewwel
li xorbot it-Twemmin
minn fomm Missierna Pawlu
li ġab id-Dawl ħanin.

Belt tagħna Rebbieħa
fost l-eqdem ta' Malta,
nifirħu u nfakkru
dil-ġrajja ta' ġieħ.

Twemminek, qlubitek
li wrejt fit-Taqbida
jixirqu lill-kobor
ta' ismek rebbieħ!

Waqqaft din il-Parroċċa
u 'l San Lawrenz int ħtart,
mad-disa' mitt sen'ilu,
u ġrajjiet kbar ħabbart.

Lill-Knisja f'Malta għażiża
bil-ġieħ u bl-għerf żejjint.
Għal snin Belt ewlenija,
din l-Art mexxejtha int.

Belt tagħna Rebbieħa,
fost l-eqdem ta' Malta,
nifirħu u nfakkru
dil-ġrajja ta' ġieħ.

Twemminek, qlubitek
li wrejt fit-Taqbida
jixirqu lill-kobor
ta' ismek rebbieħ!

*Versi: Dun Frans Camilleri*
*Mużika: Kan. Lawrenz Mifsud*
*Arċipriet - Siggiewi*

*Il-Wisq Rev. Arċipriet*

*u*

*Il-Kumitat Eżekuttiv Festi Ċentinarji*

*jixtiequ jirringrazzjaw lil*

*kull min b'xi mod jew ieħor*

*għen fl-organizzazzjoni*

*ta' dawn il-Festi,*

*b'mod speċjali*

*lill-Poplu Vittoriosan*

*għal ġenerosità kbira tiegħu*

*sabiex inkiseb suċċess*

*fil-Festi kbar li saru*

*fl-okkażjoni*

*tad-IX Ċentinarju tal-Parroċċa.*


B'RADD TA' HAJR
LIL ALLA
LI MINN TA' L-EWWEL
GHALL-FIDI GHAZILNA
U MAGHNA WAQAF MAL-MEDDA
TA' DISA MITT SENA
MINN META
IL-PAPA URBANU II
WAQQAF
IL-KNISJA TA' SAN LAWREN
PARROCCA
TAL-BELT REBBIE
1090 ~ 1990




Printed by Printwell Ltd